MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 494/2007

**A B**
**vs**
**C B; D E; L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lit-tifla minuri F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-attur izzewweg lill-C B fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ April tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (1995) f’ Parigi, Franza, u dan kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-koppja, illi ilhom separati de facto ghal din l-ahhar sena u nofs, u tul dan iz-zmien l-intimata C B kellha u ghad ghandha relazzjoni ma’ Paul E.

3. Illi minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija F B fid-disgha (9) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007), kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

4. Illi l-koppja bhal issa ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni bonarja, liema proceduri waslu fl-istadju finali taghhom.

5. Illi l-partijiet huma lkoll residenti Malta.

6. Illi l-konvenuta, C B, ghandha relazzjoni ma’ terza persuna, cioe’ l-intimat Paul E, u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija F B fid-disgha (9) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007), kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;

7. Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija in kwistjoni, l-attur gie indikat bhala missier it-tarbija pero’ di fatti ma hux;

8. Illi ghalhekk hu mehtieg li jigi dikjarat li t-tarbija F B ma hijix il-wild natural u bijologiku ta’ l-attur;

9. Illi ghalhekk hu mehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, b’ dan illi l-minuri F B tigi registrata bhala wild naturali ta’ Paul E;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lill-attrici fid-disgha (9) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) bl-isem ta’ F B ma hijiex il-wild naturali u bijologiku ta’ l-attur;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija tarbija, l-isem tar-rikorrenti kull fejn jirrikorri u minflok inizzel l-isem il-missier bijologiku cioe’ Paul E jew subordinatament “missier mhux maghruf”.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li f' dak l-istadju ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali ta' l-allegat missier naturali u cioe' l-intimat Paul E sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kliem "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm u l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

3. Illi ghandu jigi indikat fit-talbiet in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Illi l-konvenuti C B u D E, debitament notifikati, ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport xjentifiku ta' l-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur A B qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla minuri "F" registrata fl-Att tat-Twelid numru 3438/2007 bil-kunjom "B"u li twieldet mill-konvenut C B fid-9 ta' Ottubru 2007, m' hijiex il-wild naturali tieghu; u konsegwentement talab id-debita korrezzjoni fl-imsemmi Att tat-Twelid.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta C B, konjugi B residenti Malta, isseparaw de facto f' Marzu 2006, u f' Awissu ta' l-istess sena il-konvenuta B dahlet f' relazzjoni, li ghada ghaddejja, mal-konvenut D E. Minn din ir-relazzjoni twieldet fid-9 ta' Ottubru 2007 it-tifla F B li l-partijiet jaqblu li hija t-tifla bijologika tal-konvenut D E u mhux ta' l-attur.

Dan jinsab korroborat mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li jikkonfermaw li l-missier bijologiku ta' l-imsemmija tifla huwa D E u mhux l-attur A B.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha fis-sens hawn taht indikat.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

Tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li tiddikjara li t-tarbija F B li twieldet fid-9 ta' Ottubru 2007 skond l-Att tat-Twelid numru 3438/07 m' hijiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur; u konsegwenzjalment tordna d-debita korrezzjoni fl-imsemmi certifikat tat-twelid fis-sens li l-isem A B u l-

konnotati tieghu jigu kancellati mill-imsemmi certifikat u minflok jigu nseriti l-kliem “missier mhux maghruf”.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament mill-konvenuti C B u D E fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------